MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 294/2012

**AB**
**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi hija zzewget lill-intimat C B fil-hdax (11) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990), u dan skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument ‘A’;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004), kopja ta’ liema kuntratt hija annessa u mmarkata Dokument ‘B’;

Illi l-manteniment dovut ai termini tal-kuntratt surriferit ghal minuri E B pagabbli mill-intimat C B u percepit mir-rikorrenti F B ghan-nom tal-minuri huwa regolat permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali surriferit;

Illi ghahekk jirrizulta illi fid-data li fih qieghed jigi ntavolat dan ir-rikors ikunu ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni tal-partijiet, u dan anke ghaliex kull wahda mill-partijiet hija stabbilita f'relazzjoni tant illi mir-relazzjoni li kellu C B ma terza persuna twieldet tarbija, filwaqt li l-esponenti ilha f'relazzjoni u qeghdin isiru l-preparamenti ghaz-zwieg li ser jigi celebrat aktar tard din is-sena;

Illi ghalhekk jikkonkorru r-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara mahlul iz-zwieg taghha minn ma C B u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress

illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' April 2004;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-intimat dejjem ihallas regolarment lir-rikorrenti il-manteniment fil-konfront tal-minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------